# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Diċembru 2020

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba biex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex ir-relazzjoni personali tagħna ma' Ġesù Kristu tkun sostnuta mill-Kelma ta' Alla u minn ħajja ta' talb.**

**Ninġabar:**

Waqt li nieħu nifs 'il ġewwa u 'l barra bil-mod, nikkalma mill-ġiri tal-ħajja ta' kuljum. Ninfetaħ għall-preżenza ta' Alla. Waqt li nidħol bil-mod f'dan il-mument ta' talb, nitlob lil Alla biex jagħtini l-grazzja ta' relazzjoni aktar personali u intima miegħu.

**Fatt ċkejken:**



Meta kien għadu żgħir, Andrew kien iħobb jilgħab taparsi qed iqaddes. Xi sentejn ilu sar abbati u daħal fi grupp ta' talb għal żgħażagħ żgħar bħalu. Huma ma jitolbux biss, iżda jagħmlu wkoll xi xogħol volontarju fil-komunità bħal meta jmorru jżuru lill-anzjani. Andrew, l-iktar li jieħu pjaċir hu meta jmorru f'xi orfanatrofju fejn jgħin lit-tfal fil-homework jew joqgħod jilgħab mat-tfal iż-żgħar.

Dan l-aħħar beda jħossu viċin ħafna ta' Ġesù u sar iħobb imur il-knisja jitlob. Darba, Andrew fettillu jgħid lil ommu biex jagħmlu xi rokna fid-dar li tkun post speċjali, fejn kull filgħaxija l-familja setgħet tinġabar biex titlob flimkien. Ommu malajr qablet miegħu u tkellmet ma' missieru. Matul dik il-ġimgħa, Andrew kien ħerqan jgħin lil missieru jiżbarazzaw taħt it-taraġ tal-bejt. Bajduh u dendlu purtiera sabiħa mad-dawra kollha. Poġġew ġarra tal-fuħħar bil-fjuri fiha u dendlu kwadru tal-Qalb Minfuda ta' Ġesù li kien ifakkarhom fil-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Andrew xtaq li jkun hemm post speċjali għall-Bibbja, għalhekk ommu tagħtu mejda żgħira u fuqha poġġa l-Bibbja li kien tah in-nannu Ġorġ qabel ma miet.

Andrew irrakkonta dak li kienu qed jagħmlu d-dar waqt il-lezzjoni tad-duttrina meta tkellmu fuq it-talb flimkien. Kien ta' eżempju għat-tfal l-oħra u beda jħajjar lil sħabu biex meta jmorru d-dar jgħidu lill-ġenituri tagħhom biex jagħmlu l-istess.

**Naħseb ftit:**

Kemm qed infittex ħin għat-talb u s-smigħ tal-Kelma ta' Alla f'ħajti?
Qed inkun wisq mehdi/mehdija fl-affarijiet tal-ħajja ta' kuljum?
X'nista' nagħmel biex nitlob aktar?

**Nitlob:**

Mulej, għini biex minkejja l-ħajja mgħaġġla tiegħi nipprova nsib ftit ħin għalik fil-ġurnata tiegħi.

**Kliem ta' dawl:**

"Jien ukoll naħseb f'ħafna Nsara li jemmnu li t-talb hu li titkellem ma' Alla bħall-pappagall. Le! It-talb isir mill-qalb, mill-ġewwieni tagħna." *Papa Franġisku, Jannar 2019*

**X'nista' nagħmel:**

Matul dan ix-xahar, nipprova nsib ftit ħin ta' kwiet kuljum u niftaħ il-Bibbja biex nara x'jixtieq jgħidli l-Mulej. Imbagħad nitkellem miegħu bħalma ħabib jitkellem ma' ħabib.